# MINUTI

## Minuti tal-51 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi

## It-tmien leġiżlatura

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Il-Kunsilliera Marion Parnis

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640524*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**51.1.1** Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera Marion Parnis.

**51.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**51.2.1** Il-Minuti tal-50 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bħala dokument korrett.

**51.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**
Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**51.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**1.5 ĊENTRU ĊIVIKU**

**51.5.1** Is-Sindku informa li t-tender tal-lift għaċ-ċentru ċiviku qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni. Huwa qal li d-dokumenti sottomessi ġew mgħoddija lill-espert tekniku. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa għandu l-finanzjament tramite Miżura 9, Proġetti Kapitali ta' €83,000 u anke €7000 għal spejjeż tal-Perit, li 75% huma koperti mill-iskema u l-bilanċ ta' 25% minn fondi lokali. Is-Sindku qal li hemm ukoll il-finanzjament fuq il-bandli.

**51.6 JUM IL-QRENDI**

**51.6.1** Is-Sindku propona li l-quddiesa ta' ringrazjament fl-okkażjoni ta' Jum il-Qrendi ssir il-Ħadd 19 ta' Frar 2023, filwaqt li s-serata ta' Jum il-Qrendi kif ukoll l-għoti ta' Ġieħ il-Qrendi issir is-Sibt 18 ta' Frar 2022. Il-Kunsill unanimament qabel fuq dawn id-dati.

**51.7 ĠIEĦ IL-QRENDI**

**51.7.1** Is-Sindku qal li fil-bidu tas-sena l-ġdida tinħareġ is-sejħa għan-nominazzjonijiet ta' ġieħ il-Qrendi u jdumu miftuħa ħmistax. Il-bord ta' evalwazzjoni ikun kompost minn rappreżentant miż-żewġ każini, mill-kappillan u żewġ membru indipendenti, preferibilment wieħed mill-għaqda tal-iscouts. Il-vot ikun 50% tal-bord u 50% tal-Kunsill. Il-Kunsill unnaimament qabel dwar dan.

**51.8 TENDERS U KWOTAZJONIJIET**

**51.8.1** Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser issir l-evalwazzjoni tat-tenders u anka kwotazzjonijiet. Qal ukoll li t-tender tal-knis ġie ppublikat u ser jagħlaq fid-9 ta' Jannar 2023.

**51.8.2** Huwa qal li għat-tender tal-Miżuri huwa mportanti li f'kull stadju jitniżżlu d-dettalji tal-Miżura minn fejn ikunu oriġinaw il-fondi skond il-linji gwida.

**51.9 SPI.SCI.09.2022 FINANZJAMENT PROĠETTI KAPITALI - KOMUNITAJIET ISBAĦ U AKTAR B'SAĦĦITHOM**

**51.9.1** Is-Sindku qal li qed tiġi preparata l-BOQ għat-tender tal-proġetti kapitali skond dak li ġie approvat fl-iskema ta' finanzjament.

**51.10 PULIZIJA TAL-KOMUNITA'**

**51.10.1** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' fejn tkellmu fuq diversi suġġetti fosthom il-festa, l-area ta' San Mattew, il-karozzi abbandunati, u s-sorveljanza tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola. Is-Sindku qal li suġġeti oħra li ġew diskussi kienu problemi relatati ma' Wied iż-Żurrieq u l-parkeġġ, u s-sewqan perikoluż.

**51.10.2** Is-Sindku informa li qed isiru diversi road blocks mill-LESA filgħaxijiet u anka infurzar u talab preżenza effettiva u koordinament fi Triq il-Kartaġiniżi.

**51.11 NUMERAR TA' BIBIEN**

**51.11.1** Is-Sindku informa li qed isir eżerċizzju mid-Door Numbering Unit għan-numerar ta' diversi toroq. Ir-residenti jiġu notifikati b'dan individwalment mill-istess Dipartiment.

**51.11.2** Is-Sindku qal li Sqaq il-Misqa kif propost qiegħed għal proċess ta' approvazzjoni mill-Kumitat Tismija tat-Toroq.

**51.11.3** Is-Sindku semma diversi toroq f'Wied iż-Żurrieq li m'għandhomx isem uffiċjali. Huwa talab li l-Kunsill jiproponi ismijiet adatti biex ikunu jistgħu jitressqu lill-Kumitat Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

**51.11.4** Is-Sindku informa li l-proposta għal Misraħ Nikola Aquilina ġiet approvata.

**51.12 IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART 2023**

**51.12.1** Is-Sindku qal li kif diġa jafu, mit-2 ta' Jannar ser jibda s-servizz ta' ġbir ta' skart taħt it-tmexxija reġjonali fuq skeda ġdida nazzjonali. Is-Sindku qal li għad hemm diffikultajiet fir-reġjun Punent fl-għoti tat-tender peress li l-kuntrattur għadu ma ikkonfermax li ser jibda jaħdem. Hu qal li l-iskart mill-lokalita' tal-Qrendi ser jinġabar mal-Imqabba u mill-istess kuntrattur.

**51.12.2** Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' promozzjoni u kampanja edukattiva u anka irrimarka li dan iż-żmien ta' festi mhux żmien adatt biex tintroduċi sistema ġdida. Huwa qal li l-ġbir tat-tlett tipi ta' skart ser jinġabar mill-istess kuntrattur filwaqt li l-iskips jibqgħu taħt l-iskema tal-Greenpak. Is-Sindku qal li jantiċipa li inizjalment ħa jkun hemm diversi problemi sakemm il-kuntrattur jidra ir-rotta u anka sakemm ir-residenti jidraw l-iskeda l-ġdida. Is-Sindku informa li l-Kunsill ser jibqa jilqa' l-ilmenti u jgħaddihom lir-reġjun.

**51.12.3** Is-Sindku qal li l-kuntrattur attwali qiegħed jaħdem b'direct order sal-aħħar tas-sena.

**51.12.4** Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa kif ħa tinqasam ir-rata tat-tipping fees peress li l-ġbir ser isir ma' lokalita' oħra. Is-Sindku wieġeb li din tinqasam pro-rata skond ir-residenti.

**51.12.5** Is-Sindku informa li għada hemm laqgħa tar-Reġjun u jżomm lill-Kunsill aġġornat bis-sitwazzjoni.

**51.12.6** Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsir stampar tal-fuljett bl-iskeda u jsir tqassim dar dar mill-iktar fis possibbli. Is-Sindku wieġeb li l-promozzjoni ser issir b'mod reġjonali qabel il-Milied u ser issir kampanja edukattiva b'mod nazzjonali. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun jistaqsi dwar meta ser isir it-tqassim fil-Qrendi.

**51.13** **SEJĦA GĦAL POST TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV – AĠĠORNAMENT**

**51.13.1** Is-Sindku informa li reġgħet fetħet is-sejħa għal-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli u Reġjuni fejn hemm post vakat. Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet ser jiġu vvetjati mid-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn dawk li jkunu konformi mar-rekwiżiti ser jiġu msejħa għal interview fil-Kunsilli.

**51.14** **APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI**

**51.14.1** Is-Sindku propona li l-impjegati kollha jieħdu performance bonus għas-sena ta' ħidma 2022, bir-rata massima li tippermetti l-liġi. Huwa qal li l-ħaddiema li m'għadhomx impjegati jieħdu l-bonus pro-rata. Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-kontribut siewi li taw matul is-sena. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament qabel.

**51.15** **ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**51.15.1** Is-Sindku informa li qed jiġi mħejji l-budget għas-sena 2023. Huwa qal li minħabba li għad m'hemmx informazzjoni ta' kemm hi n-nefqa tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart, u peress li n-nefqa hija sostanzjali u allura ser taffetwa l-items l-oħra tal-budget, dan ħoloq dewmien u jaffetwa l-ippjanar għall-infiq tas-sena li ġejja. Hu qal li previst li l-budget jitressaq fis-Seduta li jmiss.

**51.15.2** Is-Sindku informa li qed jinsisti ma' TM biex issir il-linja kontinwa tan-nofs biex ma jsirx overpassing. Huwa qal li ġie infurmat li l-linji tat-traffiku għadhom ma sarux għax hemm il-ħsieb li isir 're-designing' tat-triq.

**51.15.3** Il-Viċi Sindku propona li jiġi ingaġġat organizzatur għal festa tal-patata ta' din is-sena biex jassisti kemm fl-idejat u anka fl-organizzazjoni. Huwa qal li diġa għamel xi kuntatti biex il-Kunsill ikollu stima tal-ispiża involuta. Huwa qal li xorta għandu jkun hemm sotto-kumitat u li d-deċiżjoni finali dejjem tkun tal-Kunsill. Is-Sindku talab li jintbagħtu stimi lill-amministrazzjoni u dettalji ta' x'joffru bħala servizz. Ġie propost biex l-attivita' tkun mifruxa fuq ġurnata mit-8.00am sal-5.00pm.

**51.15.4** Il-Viċi Sindku qal li hemm fergħa imqaċċta fit-traffic island ħdejn il-klabb tal-boċċi. Is-Sindku informa li l-fergħa ser tinġabar u ser tinħarat il-ħamrija wkoll.

**51.15.5** Il-Viċi Sindku qal li hemm diversi bozoz maqtugħa. Hu qal li l-bozoz li jkunu responsabilta' tal-Kunsill jissewwew wara massimu tlett ijiem mill-kuntrattur mentri dawk li jaqgħu taħt l-Enemalta qed idumu esaġerat. Hu qal li din mhix sitwazzjoni aċċettabbli għax qed toħloq inkonvenjent lir-residenti.

**51.15.6** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar numru ta' siġar li qegħdin immejlin biex jitranġaw.

## 51.16 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

**51.16.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

## 51.17 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

**51.17.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.20 ta' filgħaxija.

**51.22.1** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar 2023

| | |
|---|---|
| David Schembri MQR | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |